**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 2 ta' Diċembru 2021**

Rikors Numru: 401/21 AL

AB

vs

CD

(MR Nurmu 1809/2011)

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata zzewwgu nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija hamsa u tmenin (1985) fil-knisja parrokjali ta' Marsascala, u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'MC1';

2. Illi minn dan iz-zwieg, fis-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u hamsa (2005) twieldet SB, li llum ghandha l-eta' ta' sittax-il (16) sena, kif jidher mic-Certifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'MC2';

3. Illi l-hajja konjugali bejn r-rikorrenti u l-intimata ma baqghatx aktar possibli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghal separazzjoni personali bejniethom u konsegwentement r-rikorrenti u l-intimata resqu ghal separazzjoni personali permezz ta' kuntratt datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) fl-atti tan-Nutar Dottor Silvana Borg Caruana, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'MC3'.

4. Illi r-rikorrenti u l-intimata ilhom separati legalment ghal iktar minn disa' (9) snin, ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

5. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat Dok. 'MC3' ir-rikorrenti kien irrinunzja volontarjament ghal retta alimentari filwaqt illi ir-rikorrenti obbliga ruhu li jhallas lil martu manteniment hamsin Ewro (€50) kull xahar;

6. Illi skond il-kuntratt surreferit ir-rikorrenti AB obbliga ruhu li jhallas lil CB manteniment s-somma ta' tliet mitt (300) ewro fix-xahar ghall-bzonnijiet tal-minuri kull l-ewwel jum tax-xahar liema manteniment kellu jibqa' jkun dovut sakemm il-minuri tilhaq l-eta' ta' tmintax (18) -il sena jew tingagga ruhha f'impjiega regolari, skond liema tavvera ruhha l-ewwel.

7. Illi r-rikorrenti AB dejjem hallas il-manteniment stipulat fil-kuntratt surreferit u konsegwentement ma hemmx pendenzi u/jew pretenzjonijiet ta' manteniment.

8. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-intimata;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku

bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Salv kull provvediment iehor li din il-Qorti jogħġobha tordna

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Settembru, 2021;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx ghas-seduta u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mil-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Lulju, 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.